QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 212/02 DM

Louis Portelli

Vs

Guido Agius Furniture Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal-hlas tas-somma ta' tlett telef erba' mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm3,467.) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' spray ta' ghamara u spejjez relatati ma l-istess, ezegwiti fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-7 ta' Marzu 2002, tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentati kontestwalment mal-avviz, u bl-imghax legali mis-17 ta' Settembru 2000 l-ahhar xoghol ezegwit ghas-socjeta konvenuta kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi  l-konvenuti debitament notifikati  ma derux biex jikkontestaw it-talba attrici ghaldaqstant wara li semghet lill-attur bil-gurament u rat id-dokumenti minnhu esibiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta ampjament ggustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur l-bilanc mitlub ta' Lm3, 467 (tlett telef erba mija u seba' u sittin lira Maltin ) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17  ta' Settembru  2000

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

....................................................
Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep /  Reg
Civil 44